MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru. 1373/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Dunstan Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dunstan Vella**, ta' tmienja u erbghin (48) sena, bin il-mejjet Alfred u Maria Theresa neé Agius, imwieled ir-Rabat, nhar it-8 ta' April 1963, u residenti 51, 'Salina Court', Flat 5, Triq Francisco Ximenes, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 206863(M), akkuzat talli nhar il-11 ta' Dicembru 2011, ghal habta ta' l-10.10pm, waqt li kien qieghed gewwa Triq Francisco Ximenes, Naxxar u fil-vicinanzi:

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, gharix, bini jew lok iehor meta hemm gew kien hemm xi persuni filwaqt tal-hruq;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, gharix jew lok iehor jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt kien hemm gewwa xi persuni;

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu min PS 1270 Antoine Zammit u ufficjali ohra, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara taqbez tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29), izda ma taqbizx mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) u li saret ghad-dannu ta' Joseph Tabone Ferrante u Raymond Frendo;

5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Joseph Tabone Ferrante u Raymond Frendo, li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Joseph Tabone Ferrante u Raymond Frendo, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Tabone Ferrante u Raymond Frendo u

terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissatta mill-Qorti.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 163) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja (*fol.* 165).

Semghet li l-*parte civile* ma kellhiex aktar interess f'dawn il-proceduri u li l-istess *parte civile* kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti terga' taghmel riferenza ghall-artikoli indikati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali (*fol*. 163) tal-process.

Illi, mill-assiem tal-provi prodotti u in segwitu tal-fatt li l-*parte civile* rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli u in vista tal-fatt li l-*parte civile* ddikjarat li ma kellhiex aktar interess f'dawn il-proceduri, ma tistax tinsab htija tal-imputat vis-à-vis l-Artikoli 317(b), 325(1)(c) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In segwitu ta' dan, l-imputat ghandu jigi liberat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, jirrizulta li din giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ghandu jigi misjub hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah twiddiba u canfira.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-*parte civile*, fejn irrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli u fejn iddikjarat li ma kellhiex aktar interess f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 jew l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------